MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 226/2013

**Cassar Maria Dolores**

**vs**

**Cassar John Wayne**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet illi l-konvenut ghandu jghid ghaliex m'ghandux jigi kkundannat minn dan it-Tribunal li jhallas lill-attrici s-somma ta' seba' mija, tmienja u ghoxrin ewro u sitta u hamsin centezmu (€728.56c) rapprezentanti spejjez edukattivi u medici nkorsi ghall-minuri Elton kif ukoll pagamenti tal-Baby Bond u dan kif deciz fis-Sentenza fl-ismijiet John Cassar vs Doris Cassar moghtija mill-Qorti Civili – Sezzjoni Familja fit-28 ta' Jannar, 2009 (kawza numru 743/02 NC).

Bl-ispejjez u bl-imghax mill-10 ta' Ottubru, 2012 inkluza l-ittra ufficjali 2304/12 taht l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa, illi t-talbiet tal-attrici in kwantu mressqa fil-konfront tal-konvenut John Wayne Cassar huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; Illi l-ammont ta' seba' mija, tmienja u ghoxrin ewro, sitta u hamsin centezmu (€728.56c) huwa ferm aktar minn nofs l-ammont tal-htigijiet medici u edukattivi tal-minuri Elton Cassar dovuti lill-attrici mill-konvenut skont l-istess ammont li gie sostanzjat permezz ta' ricevuti illi gew annessi mal-ittra ufficjali 2304/2012 tal-10 ta' Ottubru, tas-sena 2012 taht l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta; Illi jinkombi fuq l-attrici li tipprova s-sustanza tal-ircevuti *de quo*, liema hlasijiet allegatament versu l-htigijiet medici u edukattivi tal-minuri; Illi kif ser jirrizulta ampjament car waqt il-proceduri odjerni, l-ammont reklamat mill-attrici ma ntefaqx fl-intier tieghu versu l-htiegijiet tal-minuri; Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut huwa lest li jhallas nofs l-ammont illi huwa verament dovut versu l-htigijiet medici u edukattivi tal-minuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici illi hija ngunta ghas-Subizzjoni.

Ra n-nota tal-attrici, datata 25 ta' Novembru, 2013, li permezz taghha t-talba tal-istess attrici giet ridotta ghall-ammont ta' sitt mija, sitta u sebghin ewro, sitta u ghoxrin centezmu (€676.26c).

Semgha x-xhieda tal-partijiet u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Semgha t-Trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi permezz ta' din l-azzjoni l-attrici qed titlob hlas minghand il-konvenut ta' nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha relatati ma' binhom minuri, Elton Cassar, kif ukoll ta' nofs il-*premia* relattivi ghal Baby Bond pagabbli in rigward l-istess minuri, u dan in forza ta' sentenza ta' separazzjoni personali mghotija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datata 28 ta' Jannar, 2009. Illi in rigward l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha, l-attrici pprezentat ricevuti relattivi ghal diversi oggetti konnessi mal-uzu tal-computer, inkluz inka ghall-printer, headphones u speakers, u li dawn inxtraw minn stabbiliment, ossia hanut li jinsab fil-vicinanzi tar-residenza taghha. Illi oltre dan gew ipprezentati diversi ricevuti in rigward kotba, kif ukoll diversi ricevuti rilaxxjati minn farmacia, liema ricevuti kienu in rigward medicini u *toiletries*, kif ukoll ricevuti rilaxxjati minn Psychologist dwar xi viziti li kien jehtieg it-tifel. Illi oltre dan, l-attrici hallset is-somma ta' tlett mija, disgha u tletin ewro, sitta u hamsin centezmu (€339.56c) in rigward il-polza tat-tip *Baby Bond* li l-partijiet ghandhom mal-MSV Life, u li taghha huwa l-beneficarju l-istess binhom. Illi tali dokumenti huma kollettivament immarkati bhala Dok.'DCX', u jinsabu in atti a fol.24 tal-process. Illi in rigward ir-ricevuti pprezentati mill-attrici, hi qed tippretendi hlas ta' nofs l-ammont, filwaqt illi in rigward ir-ricevuta relattiva ghall-*premia* li thallsu lil MSV Life, l-attrici ssostni illi dan l-ammont huwa dovut fl-intier tieghu mill-konvenut, ghaliex dawn jirraprezentaw pagamenti dovuti mill-konvenut – u cioe' in-nofs dovut minnu – li naqas milli jhallas, u giet kostretta thallashom ghan-nom tieghu.

Illi l-attrici, in kontro ezami, ghamlet xi kjarifiki dwar uhud mir-ricevuti li qed jigu kkontestati mill-konvenut, aktar specifikament ricevuta rilaxxjata mill-Pavi Supermarket, ricevuta ta' Tutto Sport, dwar ir-ricevuti rilaxxjati mill-Psikologa

Christiane Sullivan, kif ukoll ricevuti rilaxxjati minn Evans Pharmacy, u ssostni illi tali spejjez kienu lkoll mehtiega, u jittrattaw dwar spejjez li ntefqu unikament ghal binhom.

Illi l-konvenut da parti tieghu xehed illi qed jikkontesta r-rendikont tal-ispejjez mghoti lilu mill-attrici ghaliex irrizultawlu xi 'rregolaritajiet; illi fost l-irregolarijtajiet ilmentati jaghmel referenza ghal spiza in rigward nuccali tal-vista li nxtara ghat-tifel, fejn l-attrici indikat il-valur bhala mija tnejn u ghoxrin ewro (€122), filwaqt illi r-ricevuta tindika prezz ta' mitt ewro (€100). Illi jaghmel referenza wkoll ghal talba ghall-hlas ta' medicini fl-ammont ta' erbatax-il ewro u erbghin centezmu (€14.40c), li madanakollu m'hix sostanzjata b'ricevuta fiskali. Illi qed jikkontesta wkoll l-ispiza ghall-visti ghand is-Psychologist, ghaliex tali servizz jigi pprovdut b'xejn lill-persuni impjegati fi hdan is-Civil Protection Department – fejn jahdem l-istess konvenut – u tali servizz minghajr hlas jestendi wkoll ghall-familjari tal-impjegati. Illi l-konvenut isostni illi l-attrici kienet taf dwar id-disponibilita' ta' dan is-servizz, u kienet l-ghazla taghha illi ma tutilizzax dan is-servizz, u tibghat lit-tifel ghal sezzjonijiet privati bi hlas.

Illi l-konvenut gharraf lill-attrici illi kien hemm diversi ricevuti li kienu qed jigu kkontestati, izda jsostni illi l-attrici ma kienitx disposta li tiddiskuti mieghu dwar l-ammonti kkontestati, u ddikjarat li kienet ser tipprocedi bil-hrug ta' mandat fil-konfront tieghu jekk hu ma jhallasx. Illi l-konvenut hejja u pprezenta rendikont (Dok.'JWC4' *a fol.*118 tal-atti), li permezz tieghu ta' rendikont tal-ammonti minnu kkontestati, filwaqt illi ddikjara wkoll illi qed jaqbel illi parti mill-ammont reklamat huwa dovut minnu, u dan fl-ammont ta' hames mija, wiehed u ghoxrin ewro, sitta u ghoxrin centezmu (€521.26c), li jinkludu l-ammont dovut lil MSV Life in rigward il-polza ta' assigurazzjoni. Illi hu ddikjara li ma kienx dispost illi jwettaq hlas tal-ammont mitlub mill-

attrici ghaliex fid-dokumentazzjoni li nghata inizzjalment kien hemm ricevuti doppji kif ukoll diskrepanzi bejn il-valur tar-ricevuta u dak mitlub mill-attrici.

Illi r-rapprezentant ta' MSV Life ddikjarat illi l-pagamenti relattivi ghall-polza ta' assigurazzjoni kienu jammontaw ghal mitejn u sbatax-il ewro, tlieta u tletin centezmu (€217.33c) pagabbli kull tliet xhur, u cioe' fi Frar, Mejju, Awwissu u Novembru ta' kull sena, u li dawn kienu jithallsu permezz ta' zewg pagamenti ta' mija u tmien ewro, sebgha u sittin centezmu (€108.67c) kull wiehed. Illi rrizultalha wkoll illi kien hemm zewg pagamenti li ma kienx sar il-hlas taghhom, u dawn kienu l-pagamenti ta' Novembru, 2010 u Novembru, 2011. Illi peress li l-hlas ta' dawn iz-zewg pagamenti ma sarx f'waqtu, akkumula l-imghax fuq l-ammont dovut; eventwalment il-hlas sar fl-4 ta' Ottubru, 2012 mill-attrici.

Ikkunsidra,

Illi l-attrici qed tipproponi din l-azzjoni in bazi ta' dik il-parti tas-Sentenza mghotija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fil-kawza fl-ismijiet *John Cassar vs Doris Cassar (743/02 NC)* deciza fit-28 ta' Jannar, 2009, intestata Manteniment, fejn il-Qorti ordnat kif gej: "… *oltre nofs l-ispejjez ta' l-edukazzjoni tal-minuri, inkluzi uniformijiet, transport, stationery, kompjuter u internet [kontrollat], ta' l-attivitajiet extra kurrikulari; u spejjez ta' sahha – kontra d-debiti ricevuti jew fatturi. … Illi pero' l-premium tal-*baby bond *mahruga f'isem il-minuri ghandu, kuntrarjament ghal dak suggerit mill-perit legali, jithallas miz-zewg partijiet ugwalment*." Illi l-kontestazzjoni tal-konvenut in rigward il-hlas mitlub minnu huwa bbazat principalment fuq zewg aspetti: illi qed jintalab hlas minghandu in rigward oggetti u spejjez li mhux

verament huma relatati mal-edukazzjoni u sahha ta' ibnu, oltre illi jsostni illi kien hemm xi spejjez doppji.

Illi mir-rendikont li gie mhejji mill-konvenut u li kopja tieghu tinsab esebita a fol.118 tal-atti, jirrizulta illi mhux qed jikkontesta li huwa dovut minnu l-hlas tal-*premia* dovuti in rigward il-*baby bond* u li thallsu ghan-nom tieghu mill-attrici fl-4 ta' Ottubru, 2012. Illi dan il-hlas kien jammonta ghal tliet mija, disa' u tletin ewro, sitta u hamsin centezmu (€339.56c), u dan kif jirrizulta mir-ricevuti mmarkati kumplessivament bhala Dok.'DCX' (a fol.24 tal-atti).

Illi l-kontestazzjoni tal-konvenut fir-rigward tar-ricevuti rilaxxjati minn Dr Christiane Sullivan, li hija s-Psychologist li maghha iben il-partijiet attenda ghal zewg sessjonijiet f'April u Mejju, 2012, hija fis-sens illi tali spiza setghet giet evitata ghaliex il-post tax-xoghol tieghu – u cioe' s-Civil Protection Department – joffru dan is-servizz minghajr hlas ghall-impjegati taghha u ghall-membri tal-familja taghhom. Illi l-konvenut isostni illi dan is-servizz gie utilizzat minn tal-inqas f'okkazjoni wahda ghal binhom, u ghalhekk l-attrici setghet liberament avvicinatu sabiex jergghu jutilizzawh mill-gdid. Illi ghalkemm huwa minnu illi kien ikun aktar ghaqli illi wiehed jipprevalixxi ruhu minn tali servizz offrut mis-Civil Protection Department, ladarba dan kien minghajr hlas, *invece che* illi l-minuri jattendi ghal sezzjonijiet li kienu ser jirrikjedu hlas, madanakollu, il-fatt illi l-attrici hadet lil binha ghal dawn is-sezzjonijiet – u f'dak l-istadju zborsat hi l-flus, u qed titlob hlas lura ta' nofs l-ammont – jindika illi kien hemm il-htiega ghal tali azzjoni u assistenza. Illi l-fatt illi nofs din l-ispiza tbaghtiha l-istess attrici, hija kunsiderazzjoni rilevanti ghal dan it-Tribunal meta jwiezen il-htiega u utilita' ghal tali servizz ghal iben il-partijiet, u li huwa zgur li l-attrici ma rrikorietx ghal dan is-servizz kappricozament. Illi ghalhekk, u tenut kont illi s-sessjonijiet kienu limitati ghal zewg okkazjonijiet, u dan kif jirrizulta minn

zewg ricevuti pprezentati mill-attrici, ma jreggix l-argument tal-konvenut li m'ghandux jikkontribwixxi versu tali spiza.

Illi l-konvenut qed jikkontesta wkoll il-valur ta' ricevuta rilaxxjata minn Pavi Supermarket; illi ghalkemm l-attrici tispjega illi din kienet spiza in rigward xi attivita' li l-minuri kellu l-iskola, madanakollu, tali spjegazzjoni ma hix qed tigi meqjusa bhala gustifikata, u ghalhekk il-kontestazzjoni tal-konvenut qed tigi milqugha. Illi l-istess ghandu japplika in rigward il-kontestazzjoni tal-konvenuti dwar ricevuti rilaxxjati minn Evans Pharmacy ghal oggetti li gew indikati bhala "*toiletries*"; illi huwa ferm dubjuz illi l-attrici xtrat xi oggetti relatati mal-igiene personali ta' binhom li kienu specifikament intizi ghalih, u li se mai tali oggetti jistghu jigu meqjusa li huma inkluzi fil-hlas ta' manteniment li jigi mwettaq mill-konvenut. Illi ghalhekk tali ammonti – specifikament in rigward *toiletries* – ghandhom jigu mnaqqsa.

Illi kontestazzjoni ohra tal-konvenut hija in rigward oggett li nxtara minghand it-*Tutto Sport*; illi ghalkemm huwa minnu illi tali spiza tidher kemmxejn gholja ghall-oggett wiehed li gie indikat fir-ricevuta – u cioe' *t-shirt* – madanakollu, it-Tribunal iqis bhala attendibbli l-ispjegazzjoni li tat l-attrici in rigward tali ricevuta, meta ddikjarat li effettivament kienet xtrat basket u zarbun tal-sports ghall-minuri, u ghalhekk tali kontestazzjoni in rigward din ir-ricevuta mhux qed tigi akkolta. Illi in rigward in-nuccali ghall-minuri, it-Tribunal ser jistrieh fuq ir-ricevuta rilaxxjata minn *The Cathedral Optical*, u li wkoll tinsab esebita a fol.24 tl-atti.

Illi fid-dawl ta' tali kunsiderazzjoni, u tenut kont tad-dikjarazzjoni tal-attrici illi l-azzjoni proposta minnha hija in bazi tar-ricevuti li jinsabu ezebiti a fol. 24 tal-atti, it-Tribunal qed jillikwida s-somma dovuta mill-konvenut fl-ammont ta' tliet mija, tnejn u ghoxrin ewro, tmienja u sittin centezmu (€322.68c), u cioe' nofs l-

ammont ta’ sitt mija, hamsa u erbghin ewro, sitta u tletin centezmu (€645.36c), li huwa l-valur tar-ricevuti li, fil-fehma tat-Tribunal, ghandhom ikunu dovuti skont il-provvedimenti tas-Sentenza tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja). Illi ma’ dan l-ammont ta’ tliet mija, tnejn u ghoxrin ewro, tmienja u sittin centezmu (€322.68c) ghandu jizdied l-ammont ta’ tliet mija, disgha u tletin ewro, sitta u hamsin centezmu (€339.56c), li jirraprezenta l-valur tal-*premia* tal-polza ta’ assigurazzjoni dovuti mill-konvenut. Illi ghalhekk l-ammont kumplessiv dovut mill-konvenut lill-attrici jammonta ghal sitt mija tnejn u sittin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€662.24c).

Illi in rigward l-ispejjez tal-kawza, t-Tribunal ser jordna illi dawn jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, ghaliex fic-cirkostanzi, u tenut kont tal-fatt illi l-attrici rriduciet it-talba originali taghha – u dan fid-dawl tal-kontestazzjoni tal-konvenut – allura jirrizulta li l-konvenut kien gustifikat li jressaq il-kontestazzjoni tieghu.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, qed jilqa’ t-talba tal-attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ sitt mija, tnejn u sittin ewro,erbgha u ghoxrin centezmu (€662.24c), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba.

L-ispejjez, ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------